OMBUDSMAN

MALTA

Każ Nru OMB-25-7021

15 ta' Ottubru 2026

L-Onorevoli Carmelo Abela
Speaker
Kamra tar-Rappreżentanti
Parlament ta' Malta
Pjazza Ħelsien
Valletta VLT 1111

Onorevoli Speaker

Dan l-Uffiċċju investiga ilment dwar nuqqas ta' aċċess ripetut ta' garaxx fi Triq l-Imsida Santa Venera.

Dan l-Uffiċċju sab li l-ilment kien ġustifikat.

Minkejja r-rakkomandazzjonijiet li saru lil Transport Malta biex:

(a) tapplika l-liġi kif inhi in partikolari l-Artikolu 77(2) tal-LS 65.11 u twarrab il-proċedura skorretta li qed tapplika fil-preżent, u ċioe li vettura tista' tipparkja quddiem garaxx meta jitħalla numru tat-telefon, u tara li din il-prattika skorretta ma tibqax tiġi mħaddma u tieħu ħsieb li tinforma bil-miktub lill-uffiċjali tagħha u mill-aktar fis temenda d-dokumenti li jsostnu din il-prattika; u

(b) tikkordina mal-LESA u jekk ikun il-każ mal-awtoritjiet tal-pulizija biex ikun assikurat li jekk vetturi li jkunu pparkjati bi ksur tal-liġi, bħal fil-każ taħt eżami, parkeġġ quddiem garaxxijiet fejn isir parkeġġ ta' vetturi jittieħdu proċeduri inkluż li dawn jitneħħew jew jiġu rmonkati b'mod immedjat.

Wara li Transport Malta ġiet mitluba tinforma lil dan l-Uffiċċju bil-pożizzjoni tagħha dwar ir-rakkomandazzjonijiet magħmula sal-11 ta' Settembru 2026 dan l-Uffiċċju baqa' mingħajr risposta.

Għaldaqstant u wara li jiena kkomunikajt dan lill-Prim Ministru, qiegħed nibgħat kopja tar-Rapport tiegħi ma' dokumenti oħra relevanti għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati skond l-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman.

Inselli għalik

Imħallef Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

Dokumenti Annessi